# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 742

KAZ NRU. 996

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Raymond Savona

u

Silver Star Garage

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

Fit-tmienja (8) ta' Jannar, 1996 Raymond Savona, 'il quddiem jissejjah "l-appellant", kiteb lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani u, wara li nfurmah li l-impjieg tieghu ma' Silver Star Garage kien gie terminat ingustament, talbu biex il-kaz tieghu jigi riferit lil dan it-Tribunal.

It-Tribunal ma setax jaghti avviz lill-appellant tad-data ta' meta kien sejjer jinstema' u jigi trattat il-kaz tieghu ghaliex meta l-istess avviz gie mibghut lilu, permezz ta' ittra registrata, fl-indirizz mghoti fl-imsemmija ittra registrata, din ma gietx kunsejata izda ritornata u mmarkata, mill-ufficjal tal-Posta "return to sender unknown address".

It-Tribunal stenna aktar minn tmien (8) xhur biex forsi l-appellant isaqsi xi haga dwar il-kaz tieghu.

Peress li dan ma sarx u fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dan jindika li l-appellant m'ghadux interessat fil-kaz tieghu u abbandunah;

ma jiehux konjizzjoni ta' l-istess kaz.

ft/Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Illum dsatax (19) ta' Settembru, 1996

Vera Kopja

SEGRETARJU
TRIBUNAL INDUSTRIJALI

George Attard
SEGRETARJU

mrg